IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.10.2025
COM(2025) 623 final

ANNEXES 1 to 4

ANNESSI

għar-

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità ta' Self għas-Settur Pubbliku skont il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta fl-2025, kif imsemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/1229

Anness 1: Sommarju tal-evalwazzjoni tal-proposti riċevuti taħt is-sejħa għal proposti tal-PSLF

Data ta' skadenza għas-sottomissjoni	Numru ta' proposti ppreżentati	Numru ta' proposti ammissibbli u eliġibbli	Numru ta' proposti magħżula għall-finanzjament mill-Kummissjoni	Numru ta' proposti magħżula li kisbu self mill-BEI jew mill-intermedjarji tiegħu	Kummenti
19 ta' Ottubru 2022	3	1 (CZ)	1 (CZ)	0	Il-proposta taċ-CZ ġiet irtirata mill-applikant u ġiet sottomessa mill-ġdid fl-20 ta' Settembru 2023 (ir-raba' skadenza għas-sottomissjoni)
19 ta' Jannar 2023	1	0	0	0	-
19 ta' April 2023	4	3 (EL, NL, SE)	2 (EL, SE)	2 (EL, SE)	Ġew iffirmati ftehimiet ta' għotja għall-proposti tal-EL u tal-SE. Il-proġetti qegħdin jiġu implimentati. Il-proposta tan-NL falliet skont iż-żewġ kriterji għall-aġġudikazzjoni iżda reġgħet ġiet ippreżentata b'suċċess fl-20 ta' Settembru 2023 (ir-raba' skadenza għas-sottomissjoni).
20 ta' Settembru 2023	15	5 (CZ, FR, NL)	5 (CZ, FR, NL)	5 (FR)	Iċ-CZ, żewġ proposti ta' FR u tan-NL intgħażlu għall-finanzjament mill-Kummissjoni. Il-ftehimiet kollha ta' self u ta' għotja ġew iffirmati, il-proġetti qed jiġu implimentati.
19 ta' Jannar 2024	6	6 (CZ, FR, PL)	5 (CZ, FR, PL)	1 (CZ, PL)	2 proposti taċ-CZ intgħażlu għall-finanzjament mill-Kummissjoni. Għal proposta waħda taċ-CZ, il-benefiċjarju kkanċella t-tħejjija tal-ftehim ta' għotja minħabba sorsi oħra ta' finanzjament disponibbli. Għall-proġett l-ieħor, il-ftehimiet ta' self u ta' għotja ġew iffirmati f'Ġunju 2025. Proposta waħda tal-PL intgħażlet għall-finanzjament mill-Kummissjoni iżda l-benefiċjarju kkanċella t-tħejjija tal-ftehim ta' għotja.

					Żewġ proposti ta’ FR intgħażlu għall-finanzjament mill-Kummissjoni u tqiegħdu f’lista ta’ riżerva minħabba n-nuqqas ta’ riżorsi li fadal fl-allokazzjoni tal-baġit nazzjonali ta’ FR. Proposta waħda ta’ FR falliet skont iż-żewġ kriterji għall-aġġudikazzjoni.
17 ta’ April 2024	8	7 (CZ, IE)	6 (CZ)	1 (CZ)	Intgħażlu 5 proposti taċ-CZ għall-finanzjament mill-Kummissjoni u l-proċess tal-iffirmar tas-self għadu għaddej mal-intermedjarju finanzjarju tal-BEI. Is-self għal wieħed mill-proġetti aktar tard ġie rrifjutat mill-BEI, b’tali mod li sar ineliġibbli għall-għotja u, għalhekk, it-tħejjija tal-ftehim ta’ għotja ġiet ikkanċellata. Proposta waħda taċ-CZ intgħażlet għall-finanzjament mill-Kummissjoni u s-self ġie ffirmat mal-BEI. Il-ftehim ta’ għotja ġie ffirmat, u l-proġett se jitlesta fl-2025. Il-proposta tal-IE falliet skont kriterju għall-aġġudikazzjoni.
19 ta’ Settembru 2024	7	6 (CZ, ES, IE)	4 (CZ, ES)	1 (ES)	Tliet proposti taċ-CZ qed jistennew l-iffirmar tas-self tal-BEI. Il-ftehim ta’ għotja ta’ ES ġie ffirmat f’Ġunju 2025 u l-proġett qed jiġi implimentat.
16 ta’ Jannar 2025	2	1 (CZ, LV)	1 (CZ)	0	Il-proposta tal-LV falliet kriterju għall-aġġudikazzjoni. Il-proposta taċ-CZ qed tistenna l-iffirmar tas-self mal-intermedjarju finanzjarju tal-BEI.
15 ta’ April 2025	3	3 (CZ, IE)	2 (CZ)	0	Il-proposta tal-IE falliet kriterju għall-aġġudikazzjoni. Proposta waħda taċ-CZ qed tistenna l-iffirmar tas-self mal-intermedjarju finanzjarju tal-BEI. Proposta waħda taċ-CZ qed tistenna l-iffirmar tas-self tal-BEI.

Anness 2: Proġetti ffinanzjati mill-PSLF

Lista ta' proġetti magħżula mill-PSLF (bi ftehimiet ta' għotja ffirmati)

	Data ta' skadenza għas-sottomissjoni	**Reġjun/ Territorju**	**Deskrizzjoni tal-proġett**	**Settur**	**Baġit**	**Tip ta' self**	**Tnaqqis stmat ta' CO_2 (t/sena)**	**Stima tal-Ħolqien tax-xogħol**	**Stima tal-Persuni milħuqa**
CZ	20 ta' Settembru 2023	Is-Silesia Moraviana	**Titlu tal-proġett**: Sala tal-Kunċerti ta' Ostrava Il-proġett għandu l-għan li jibni s-Sala tal-Kunċerti ta' Ostrava b'akustika ta' klassi dinjija u b'kapaċità li tlaħħaq mal-1 300 siġġu. Dan il-proġett se jappoġġa l-iżvilupp tal-infrastruttura kulturali u jikkontribwixxi għar-rivitalizzazzjoni ta' Ostrava, li qabel kienet belt tal-minjieri li għadha tilqa' l-produzzjoni tradizzjonali tal-azzar. L-istabbiliment ta' ċentru kulturali ġdid se jsaħħaħ l-attraenza tal-belt kemm għall-abitanti kif ukoll għall-viżitaturi tagħha. Dan jappoġġa l-pjanijiet usa' tar-reġjun immirati lejn it-trasformazzjoni soċjoekonomika tar-reġjun.	L-infrastruttura urbana, it-tiġdid u r-riġenerazzjoni urbani, l-effiċjenza enerġetika	**Kostijiet totali**: EUR 115,5 miljun (100 %) **Self mill-BEI**: EUR 84 miljun (73 %) **Għotja tal-PSLF**: EUR 21 miljun (18 %) **Finanzjament proprju**: EUR 10,5 miljun (9 %)	Proġett awtonomu (self ta' investiment)	Mhux applikabbli	32	151 200

CZ	17 ta' April 2024	Ústí nad Labem	**Titlu tal-proġett**: Modernizzazzjoni ta' partijiet magħżula tal-infrastruttura ferrovjarja fir-Reġjun ta' Ústí nad Labem Il-proġett għandu l-għan li jibni mill-ġdid it-tliet taqsimiet tal-infrastruttura ferrovjarja li ġejjin: • Linja ferrovjarja f'Litoměřice, inkluża l-kostruzzjoni ta' lqugħ għall-istorbju u ta' fly-over f'Liochovany; • Pont ferrovjarju f'Ústí nad Labem; • Pont ferrovjarju f'Teplice. Il-proġett se jgħin biex tiġi żgurata l-operabbiltà ta' linji ferrovjarji kruċjali għall-ivvjaġġar ta' kuljum fir-reġjun ta' Ústí nad Labem. Dan se jtejjeb il-kwalità u s-sikurezza kemm tat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll tal-merkanzija bil-ferrovija filwaqt li jnaqqas it-tniġġis akustiku kkawżat mit-trasport bil-ferrovija b'4-6 deċibels.	Mobilità sostenibbli	**Kostijiet totali**: EUR 12,4 miljun (100 %) **Self mill-BEI**: EUR 9,4 miljun (76 %) **Għotja tal-PSLF**: EUR 1,6 miljun (13 %) **Finanzjament proprju**: EUR 1,4 miljun (11 %)	Proġett awtonomu (Self ta' investiment)	Mhux applikabbli	0	165 860

SE	19 ta' April 2023	Väster-botten	**Titlu tal-proġett**: Akkomodazzjoni Sostenibbli u Affordabbli għall-Industrija u għas-Soċjetà Ekoloġiċi l-Ġodda (SHERIS, Sustainable and Affordable Housing for the New Green Industry and Society) Il-proġett se jindirizza l-ħtieġa dejjem tikber ta' akkomodazzjoni tal-muniċipalità ta' Skelleftea billi jappoġġa l-kostruzzjoni ta' 7 kumplessi ta' akkomodazzjoni b'madwar 750 unità ta' akkomodazzjoni affordabbli effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Il-programm ta' akkomodazzjoni se jkollu fil-mira prinċipalment lill-ħaddiema li deħlin tal-gigafabbrika l-ġdida ta' Northvolt kif ukoll lill-istudenti, lir-refuġjati u lill-persuni b'introjtu baxx jew bi bżonnijiet speċjali.	L-akkomodazzjoni, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija	**Kostijiet totali**: EUR 141,8 miljun (100 %) **Self mill-BEI**: EUR 71 miljun (50 %) **Għotja tal-PSLF**: EUR 10,6 miljun (7 %) **Finanzjament proprju**: EUR 60,2 miljun (43 %)	Qafas ta' self (skema ta' self)	Mhux applikabbli	1000	44 000
FR	20 ta' Settembru 2023	Pays de la Loire	**Titlu tal-proġett**: L-Infrastrutturi ta' Mobilità Sostenibbli għal Servizz b'Emissjonijiet Baxxi u kwalitattiv (SMILES, Sustainable Mobility Infrastructures for Low	Mobilità sostenibbli	**Kostijiet totali**: EUR 405 miljun (100 %)	Proġett awtonomu (self ta' investiment)	21 000	106	1 672 420

			Emissions and qualitative Service) Il-proġett jikkonsisti fit-titjib tal-infrastruttura tat-trasport sostenibbli f'Nantes permezz ta': • L-aġġornament u r-rinnovazzjoni ta' 3 linji tat-tramm. • It-tiġdid tal-flotta tat-tramm (46 vettura ġdida). • Il-bini ta' ċentru tekniku u operazzjonali u ta' ċentru ta' trażmissjoni/skambju multimodali. • L-iżvilupp ta' 38 km ta' mogħdijiet għaċ-ċiklisti. Ir-riżultati tal-proġett se jtejbu l-prestazzjoni u l-kwalità tan-network tat-tramm, jiżviluppaw l-intermodalità, jiddiversifikaw l-offerta tat-trasport pubbliku u jnaqqsu l-konġestjoni fit-toroq.		**Self mill-BEI**: EUR 200 miljun (50 %) **Għotja tal-PSLF**: EUR 30 miljun (7 %) **Finanzjament proprju**: EUR 175 miljun (43 %)				
FR	19 ta' April 2023	Hauts de France	**Titlu tal-proġett**: MEL in GREEN Mobility (Greenmo) Il-proġett se jkun immirat lejn diversi partijiet tal-infrastruttura tat-trasport pubbliku taż-żona Metropolitana ta' Lille. Dan	Mobilità sostenibbli	**Kostijiet totali**: EUR 420,5 miljun (100 %)	Proġett awtonomu (self ta' investiment)	90 155	4 332	1 182 250

			ikopri l-modernizzazzjoni tan-network tat-tramm permezz tas-sostituzzjoni ta' 30 tramm, l-introduzzjoni ta' 42 xarabank li jaħdmu bl-idroġenu u t-titjib tal-pjattaformi, tad-deposti u ta' faċilitajiet oħra tat-trasport relatati. Se jappoġġa wkoll l-iżvilupp ta' pjan ambizzjuż għaċ-ċikliżmu u tal-infrastruttura relatata biex tittejjeb is-sikurezza għaċ-ċiklisti.		**Self mill-BEI**: EUR 210 miljun (50 %) **Għotja tal-PSLF**: EUR 31,5 miljun (7 %) **Finanzjament proprju**: EUR 179 miljun (43 %)				
FR	19 ta' April 2023	Provence-Alpes-Côte d'Azur	**Titlu tal-proġett**: Proġett ta' Estensjoni tal-Linja tat-Tramm ta' Marsilja (ETNS1) Il-proġett għandu l-għan li: • Jestendi l-linja tat-tramm bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar ta' Marsilja b'6,2 km. • Jibni bini għall-ħażna, għall-manutenzjoni, u għall-operat tekniku għall-vetturi ferrovjarji. • Iwettaq xogħlijiet ta' pajsaġġ madwar l-infrastruttura u l-istazzjonijiet il-ġodda tat-tramm. Il-proġett se jtejjeb il-prestazzjoni u l-kwalità tan-network tat-tramm f'Marsilja,	Mobilità sostenibbli	**Kostijiet totali**: EUR 320 miljun (100 %) **Self mill-BEI**: EUR 100 miljun (31 %) **Għotja tal-PSLF**: EUR 15-il miljun (5 %) **Finanzjament proprju**: EUR 205 miljun (64 %)	Proġett awtonomu (self ta' investiment)	16 000	75	84 800

			isaħħaħ il-kwalità u d-diversità tas-servizzi tat-trasport pubbliku fiż-żona, joffri alternattiva għall-karozzi privati, iħeġġeġ il-mobilità mhux motorizzata u bidliet fl-imġiba għaċ-ċittadini lokali u reġjonali lejn mobilità urbana aktar sostenibbli.						
EL	19 ta' April 2023	Il-Maċedonja tal-Punent	**Titlu tal-proġett**: Tranżizzjoni Soċjoekonomika tal-Maċedonja tal-Punent Il-proġett jiġbor flimkien 15-il proġett f'sitt muniċipalitajiet (Argos Orestikou, Kozani, Kastoria, Florina, Eordaia u Grevena), relatati ma': • 8 – l-effiċjenza enerġetika • 1 – l-infrastruttura tat-toroq • 2 – il-kura tas-saħħa • 1 – il-kultura • 1 – it-turiżmu	L-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli, l-utilitajiet pubbliċi, l-infrastruttura soċjali, is-saħħa, it-trasport, it-toroq	**Kostijiet totali**: EUR 80,5 miljun (100 %) **Self mill-BEI**: EUR 58 miljun (72 %) **Għotja tal-PSLF**: EUR 14,5 miljun (18 %) **Finanzjament proprju**: EUR 8 miljun (10 %)	Qafas ta' self (skema ta' self)	8 650	200	150 000

NL	19 ta' April 2023	Zuid-Limburg	**Titlu tal-proġett**: Masterplan tal-Espansjoni ta' Mijnwater fażi 1 Il-proġett se jappoġġa lill-fornitur Olandiż tal-enerġija ekoloġika Mijniwater fl-iżvilupp tal-grilja innovattiva tiegħu tat-tisħin u tat-tkessiħ tal-ħames ġenerazzjoni fiż-żona ta' Zuid-Limburg.	Tisħin u tkessiħ distrettwali sostenibbli	**Kostijiet totali**: EUR 176 miljun **Self mill-BEI**: EUR 90 miljun (51 %) **Għotja tal-PSLF**: EUR 13,5 miljun (8 %) **Finanzjament proprju**: EUR 72,5 miljun (41 %)	Proġett awtonomu (self ta' investiment)	42 500	10	Mhux applikabbli
ES	19 ta' Settembru 2024	Il-Galicia	**Titlu tal-proġett**: PROYECTO CHUAC (Centro Hospitalario Universitario A Coruña) Il-proġett se jespandi u jimmodernizza l-isptar pubbliku Centro Hospitalario Universitario A Coruña (l-isptar CHUAC il-ġdid) billi jibni bini ġdid u jirrinnova l-bini eżistenti skont l-istandards kontemporanji tal-effiċjenza enerġetika, u billi jimmodernizza l-faċilitajiet u t-tagħmir mediċi tiegħu.	L-infrastruttura soċjali, is-saħħa	**Kostijiet totali**: EUR 600 miljun **Self mill-BEI mitlub**: EUR 450 miljun (75 %) **Għotja tal-PSLF mitluba**: EUR 59.3 miljun (10 %) **Finanzjament proprju**: EUR: 90,7 miljun (15 %)	Proġett awtonomu (self ta' investiment)	Mhux applikabbli	6 140	548 501

CZ	19 ta' Jannar 2024	Ústí nad Labem	**Titlu tal-proġett**: Implimentazzjoni ta' miżuri għall-iffrankar tal-enerġija - restawr ta' emerġenza tad-dawl pubbliku u kostruzzjoni ta' faċilitajiet għas-sewwieqa tax-xarabanks L-ewwel proġett huwa r-rinnovazzjoni tad-dawl pubbliku li jinvolvi madwar 6 000 luminarja LED fil-belt ta' Ústí nad Labem, li jissostitwixxu luminarji tas-sodju skaduti u intensivi fl-enerġija. It-tieni proġett huwa l-kostruzzjoni ta' bini effiċjenti fl-użu tal-enerġija għas-sewwieqa tat-trasport pubbliku – speċifikament għat-trazzjoni tat-trolleybus, li jissostitwixxi l-bini eżistenti intensiv fl-enerġija u operazzjonalment inadegwat li jservi lis-sewwieqa tax-xarabanks.	L-iffrankar tal-enerġija, l-infrastruttura sostenibbli	**Kostijiet totali**: EUR 3,4 miljun **Self mill-BEI:** EUR 1,7 miljun **Għotja tal-PSLF**: EUR 0,42 miljun **Finanzjament proprju**: EUR 342 324	Proġett awtonomu (self intermedjat)	851	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Total għall-proġetti ffinanzjati					**Kostijiet totali**: EUR 2 275 miljun (100 %) **Self mill-BEI**: EUR 1 274 miljun (56 %) **Għotja tal-PSLF**: EUR 198 miljun (9 %)		**179 156**	**11 895**	**4 004 776**

	Finanzjament proprju: EUR 802,7 miljun (35 %)			

Anness 3: Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Aggregat fil-livell tal-UE, għal proġetti bi ftehimiet ta' għotja ffirmati biss. L-indikaturi u l-istruttura tar-rapportar huma bbażati fuq l-Anness II tar-Regolament PSLF.

Indikatur ewlieni tal-prestazzjoni		
1. Volum ta' għotjiet mogħtija		EUR 198 miljun
2. Volum ta' self iffirmat		EUR 1 274 miljun
2.1. Self individwali		EUR 1 145 miljun
2.2. Skemi ta' self		EUR 129 miljun
3. Investiment totali mobilizzat, maqsum kif ġej		EUR 2 275 miljun
3.1 Ammont ta' finanzjament privat mobilizzat		EUR 0
3.2 Ammont ta' finanzjament pubbliku mobilizzat		EUR 2 275 miljun
4. Numru ta' proġetti li jirċievu appoġġ klassifikati skont		10
4.1 Pajjiż	CZ	3
	EL	1
	ES	1
	FR	3
	NL	1
	SE	1
4.2 Ir-reġjun NUTS 2	Il-Galicia	1

	Hauts de France	1
	Ir-Reġjun tas-Silesia Moraviana	1
	Pays de la Loire	1
	Provence-Alpes-Côte d'Azur	1
	Ir-Reġjun ta' Ústí nad Labem	2
	Västerbotten	1
	Il-Maċedonja tal-Punent	1
	Zuid-Limburg	1
4.3 Territorju tat-tranżizzjoni ġusta appoġġat	A Coruña	1
	Bouches du Rhone	1
	Hauts de France	1
	Ir-Reġjun tas-Silesia Moraviana	1
	Pays de la Loire	1
	Ir-Reġjun ta' Ustí nad Labem	2
	Västerbotten	1
	Il-Maċedonja tal-Punent	1
	Zuid-Limburg	1

5. Numru ta' proġetti li qed jirċievu finanzjament permezz tal-Faċilità		10
6. Numru ta' proġetti skont is-settur	6.1 Trasport	3
	6.2 Infrastruttura soċjali	2
	6.3 Utilitajiet pubbliċi (ilma, ilma mormi, tisħin distrettwali, enerġija, immaniġġjar tal-iskart)	1
	6.4 Appoġġ dirett biex jiffaċilita t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika (enerġija rinnovabbli, dekarbonizzazzjoni, effiċjenza enerġetika)	1
	6.5 Objettivi ambjentali	1
	6.6 Infrastruttura urbana u akkomodazzjoni	2
	6.7 Oħrajn	0
7. Tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gass b'effett serra, meta rilevanti		179 156 t/sena
8.Ħolqien tax-xogħol, meta rilevanti	Total	11 895
	Mara	5875
	Raġel	5880
	Mhux binarji	140

Anness 4: Lista ta' assenjazzjonijiet konsultattivi tal-PSLF taħt iċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU

Pajjiż	Isem l-Assenjazzjoni	Progress	Tip ta' appoġġ
L-Irlanda	LPA għall-Università ta' Maynooth (PSLF)	Mibdija	Konsulenza dwar il-Proġett
Il-Bulgarija	Konsulenza tal-PSLF għall-Kumpless tal-Lvant ta' Maritsa	Approvata	Konsulenza dwar il-Proġett
EU27	Konsulenza tal-PSLF - Attivitajiet Orizzontali	Mibdija	Konsulenza dwar il-Proġett
Ir-Rumanija	Il-Muniċipalità ta' Ploiesti - Appoġġ tal-PSLF (Tfal)	Approvata	Bini tal-Kapaċitajiet u Kondiviżjoni tal-Għarfien
Franza	Sħana Residwa ta' Mulhouse	Mibdija	Konsulenza dwar il-Proġett
Il-Greċja/Ċipru	Pjan ta' Ħidma tal-PSLF (il-Greċja u Ċipru) - attivitajiet orizzontali	Approvata	Konsulenza dwar il-Proġett
Franza	SLNPCA	Approvata	Konsulenza dwar il-Proġett
Il-Greċja	Appoġġ għall-implimentazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tal-provvista tal-elettriku fir-reġjuni insulari ta' JT fil-Greċja	Approvata	Bini tal-Kapaċitajiet u Kondiviżjoni tal-Għarfien
Iċ-Ċekja	Appoġġ tal-PSLF lil Ústí nad Labem, iċ-Ċekja	Approvata	Bini tal-Kapaċitajiet u Kondiviżjoni tal-Għarfien
Ir-Rumanija	Mudell Finanzjarju tal-Grupp Electrica	Approvata	Bini tal-Kapaċitajiet u Kondiviżjoni tal-Għarfien
Spanja	PSLF - Appoġġ għat-tranżizzjoni tal-enerġija tal-infrastruttura tat-trasport f'Campo de Gibraltar	Approvata	Konsulenza dwar il-Proġett
Spanja	Appoġġ tal-PSLF għall-Isptar A Coruna, Spanja	Lesta	Konsulenza dwar il-Proġett
Franza	Ferrovija Metropolitana ta' Lille	Mibdija	Konsulenza dwar il-Proġett
Franza	Enerġija tal-Baħar ta' Dikwe	Mibdija	Konsulenza dwar il-Proġett
Il-Bulgarija	Tranżizzjoni tal-Kumpless tal-Lvant ta' Maritsa	Lesta	Konsulenza dwar il-Proġett
Franza	EduRenov - Konsulenza Finanzjarja lill-Awtoritajiet Pubbliċi Lokali	Approvata	Bini tal-Kapaċitajiet u Kondiviżjoni tal-Għarfien
Ir-Rumanija	Faċilità ta' Self għas-Settur Pubbliku JTM (Just Transition Mechanism) tar-Rumanija	Approvata	Politika, Strateġija u Żvilupp tas-Suq (Upstream)
Franza	Skejjel Primarji ta' Marsilja	Mibdija	Konsulenza dwar il-Proġett
Franza	Pjan Territorjali għal Tranżizzjoni Ġusta għar-reġjun AURA (Konsulenza Ħafifa)	Approvata	Bini tal-Kapaċitajiet u Kondiviżjoni tal-Għarfien
Iċ-Ċekja	PSLF - SVS - Infrastruttura tal-ilma tal-Bohemia tat-Tramuntana	Taħt approvazzjoni	Bini tal-Kapaċitajiet u Kondiviżjoni tal-Għarfien

Is-Slovakkja	Appoġġ ta’ Applikazzjoni għal Għotja tal-PSLF għar-Reġjun ta’ Banska Bystrica	Taħt approvazzjoni	Bini tal-Kapaċitajiet u Kondiviżjoni tal-Għarfien
Is-Slovakkja	Appoġġ ta’ Applikazzjoni għal Għotja tal-PSLF għall-Belt ta’ Košice, is-Slovakkja	Taħt approvazzjoni	Bini tal-Kapaċitajiet u Kondiviżjoni tal-Għarfien
Il-Greċja/Ċipru	Esperti tal-PSLF fil-Greċja u Ċipru	Mibdija	Bini tal-Kapaċitajiet u Kondiviżjoni tal-Għarfien